# Proġett mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-iskema *'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies'*

Norbert Vella

Wara l-festa tas-sena 2014, bħala Kumitat Direttiv konna ddeċidejna li napplikaw għal fondi mingħand il-'Majjistral Action Group Foundation' (MAGF) fl-iskema 'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies'. Bħala kumitat iddeċidejna li kellna napplikaw għal dan li ġej:

1. Lift biex il-każin tagħna jkun iktar aċċessibbli għal kulħadd.
2. *Air Conditioners* għas-sala tal-kunċerti.
3. *Sound Proofing* fis-sala tal-kunċerti biex din is-sala jkollha akustika ferm aħjar u tkun tista' tintuża għar-*recordings*.
4. Kif ukoll nixtru xi strumenti tal-perkussjoni bħal timpani, biex ma jkunx hemm bżonn iktar li dawn it-tip ta' strumenti nikruhom mingħand baned oħra.



Wara li ddeċidejna għal xiex konna ser napplikaw, iltqajt mal-Viċi Sindku tal-Mellieħa, is-Sur Clayton Bartolo, li kien ta' għajnuna kbira fil-mili tal-applikazzjoni, kif ukoll mal-Perit Joseph Attard li ta l-għajnuna kbira tiegħu fejn jidħol xogħol ta' applikazzjonijiet mal-MEPA u ħafna xogħol ieħor relatat mal-pjanti u kwotazzjonijiet ta' xogħol ta' kostruzzjoni, u li flimkien miegħu ddeċidejna wkoll li minħabba l-lift, ikollhom isiru *toilets* ġodda. Dan ix-xogħol kollu għamluh mingħajr ma talbu l-ebda rimunerazzjoni. Wara ħafna ġiri biex niġbru tliet kwotazzjonijiet ta' kull ħaġa, daħħalna l-karti kollha u kull ma kien baqa' kien li nistennew it-tweġiba tal-MAGF. Ġara li, fil-bidu ta' Diċembru, għal xi raġuni li ma kellniex kontroll fuqha, l-applikazzjonijiet kollha ġew ikkanċellati u qalulna li sejħa oħra ser tiftaħ fil-bidu tas-sena 2015. Din kienet daqqa ta' ħarta għax-xogħol kollu li kien sar f'dawk l-aħħar tliet xhur tas-sena.

Is-sena 2015 bdiet fejn ħallejna fis-sena 2014 għax kellna nerġgħu ndaħħlu l-applikazzjoni għall-fondi biex inwettqu l-proġett li konna ddeċidejna fuqu. Dan kien ifisser li kellna nerġgħu ngħaddu mill-proċess kollu mill-ġdid speċjalment fejn jidħlu applikazzjonijiet, peress li l-kwotazzjonijiet kollha li kellna kienu skaduti. Wieħed jista' jimmaġina minn xiex kellna ngħaddu biex terġa' tmur għand l-istess aġenti u terġa' titlobhom kwotazzjonijiet oħra.

Wara li għamilna dan kollu, f'Lulju ħadna l-aħbar tajba li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa u konna ser ningħataw is-somma ta' €79,902.27, jiġifieri 80% tal-ispiża tal-proġett kollu li kienet tammonta għas-somma ta' €99,877.84. Wara li tawna l-aħbar, bdejna x-xogħol l-ieħor, fejn





ordnajna l-affarijiet materjali kollha li kien hemm bżonn, kif ukoll ftehmna mal-bennej u l-ħaddiema l-oħra biex jibdew ix-xogħol kemm jista' jkun malajr minħabba li dan ix-xogħol kollu ried ikun lest fi żmien qasir.

Biex seta' jsir dan ix-xogħol u jitħallas kulħadd, il-kumitat kellu jissellef il-flus biex dan seta' jsir. Dan għaliex apparti l-20% li jkun irid joħroġ il-każin, il-kumplament kellna noħorġuhom aħna qabel nibdew nirċievu l-fondi dovuti lilna u dan kellna nagħmluh għaliex ma tistax tapplika biex tiġbor il-flus lura qabel ma' inti tkun ħallast.

Wara li tlesta x-xogħol kollu, nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru 2015, l-Onorevoli Dr Ian Borg, Segretarju Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej inawgura dan il-proġett, kif ukoll fetaħ uffiċjalment wirja ta' presepji li kienet qiegħda tittellgħa mill-Kummissjoni Żgħażagħ.

Minn hawn nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna biex dan ix-xogħol seta' jsir, u b'hekk għamilna l-każin aċċessibbli għal kulħadd kif ukoll armajna l-banda tagħna bi strumenti tal-perkussjoni ġodda.


# Il-Bar tal-Każin tal-Banda Imperial

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*

***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***

*Il-familja Gauci*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*